*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,358, 23 ta' Diċembru, 2008*
*Taqsima B*

**A.L. 340 ta' l-2008**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2008 dwar Żjieda fil-Paga għall-Impjegati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru għall-Politika Soċjali, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' *Standard* Nazzjonali ta' l-2008 dwar Żjieda fil-paga għall-Impjegati, u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2009.

Żjieda għall-għoli tal-ħajja.

**2.** (1) Il-pagi ta' impjegati *whole-time* għandhom jiżdiedu b' €4.08 fil-ġimgħa.

(2) Ir-rata fis-siegħa ta' impjegati *part-time* għandha tiżdied bl-istess ammont ta' impjegat *whole-time* komparabbli, ikkalkulata biż-żjieda fil-ġimgħa speċifikata fis-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu, jew fil-każi fejn ma hemmx impjegat *whole-time* komparabbli, b'wieħed minn kull erbgħin tar-rata ta' żjieda speċifikata fis-subartiklu (1) ta' dan l-artiklu.